

# Mill-Arkivji

**Tagħrif miġbur minn Anthony Bezzina**

Is-sena l-oħra bdejna b'artikli mill-arkivji dwar xogħol li sar fil-knisja parrokkjali madwar 140 sena ilu, din is-sena wkoll ser inkompli nagħti aktar dettalji dwar affarijiet oħra li saru fil-knisja. Mort daqshekk 'l bogħod biex dawn il-kitbiet, minbarra li huma parti mill-istorja tar-raħal tagħna, iservu wkoll ta' tagħrif ġenerali għal dawk kollha interessati li jkunu jafu b'affarijiet li llum forsi m'għadniex narawhom fil-knisja.

## Pittura fil-koppla u lunetti

Wara li kienet tlestiet it-tiswija fil-koppla, fis-1871, il-poplu tar-raħal ġie mitlub jikkontribwixxi biex fl-istess koppla tkun tista' ssir il-pittura ta' tmien Anġli kif ukoll l-erba' Evanġelisti fil-lunetti. In-nies kienu pronti biex jikkontribwixxu u fl-ewwel ġabra li saret kienu nġabru l-flus kollha meħtieġa biex il-pittura ssir. Għall-Evanġelisti inġabret is-somma ta' 400 skud filwaqt li għat-tmin Anġli is-somma ta' 240 skud għal total ta' 640 skud.

Din il-pittura ġiet ikkummissjonata lill-Pittur magħruf mill-Belt Valletta, Giuseppe Calleja li biex ikun jista' jlesti x-xogħol mingħajr dewmien kien ġie joqgħod il-Qrendi. Calleja kien dam madwar xagħrejn u nofs hawn, mis-26 ta' Mejju sad-9 ta' Awwissu 1871.

L-ewwel xogħol tal-pittura beda fil-koppla u tlesta kif kien ippjanat. Ta' dan il-pittur tħallas fis-26 ta' Ġunju 1871 is-somma ta' 240 skud għal xogħol fuq tmin pitturi taż-żejt li jirrappreżentaw Anġli b'simboli Marjani. Wara dan, il-pittur kompla u lesta l-erba' Evanġelisti fil-lunetti, li għalihom tħallas is-somma ta' 400 skud.


Pittura ta' David fil-kor tal-knisja tal-Qrendi

Il-kappillan P.P. Xuereb ħallas minn butu s-somma ta' 80 skud għall-kirja tar-residenza fejn kien joqgħod il-pittur Giuseppe Calleja fiż-żmien li dan kien qed jagħmel ix-xogħol.

## Induratura u pittura fil-kor

Wara li tlesta x-xogħol fil-koppla u l-lunetti, bdiet tintwera l-ħeġġa li jsir xogħol simili fil-kor. Għal dan fis-sena 1872 beda l-ġbir biex tkun tista' ssir l-induratura fil-kor kif ukoll pittura taż-żejt mas-saqaf u fl-arkata, tiswijiet tat-twieqi tal-kor u tal-kappelluni.

Għal dan il-għan inġabret is-somma ta' 138 skudi u 6 tari. Biex isir dan ix-xogħol kien meħtieġ li jitqiegħdu travi u fallakki biex jissaqqaf il-kor. Dawn swew is-somma ta' 55 skud li tħallsu lin-negozjant J. Azzopardi. Għat-trasport lejn il-Qrendi tħallset is-somma ta' 2 skudi u 6 tari.

Xi nies tas-sengħa mill-Isla offrew li jagħmlu dan ix-xogħol bla ħlas imma kellha tinkera karozza biex twassalhom sal-Qrendi. Il-kirja tal-karozza swiet skud u nofs. Bħala tpattija għax-xogħol mingħajr ħlas li għamlu dawn il-ħaddiema, il-kappillan kien organizzalhom ikla. Inxtraw ukoll 3 kaxxi żebgħa u żejt tal-kittien mingħand l-istess negozjant Azzopardi għas-somma ta' 61 skud.

F'din l-istess sena M. Bondin ħalla legat fit-testment tiegħu is-somma ta' 100 skud biex issir il-pittura tal-Profeta David mas-saqaf tal-kor. Erba' persuni oħra ħarġu bejniethom is-somma ta' 110 skudi biex issir ukoll il-pittura ta' Anġli mas-saqaf tal-kor kif ukoll tal-Missier Etern fl-arkata.

Għax-xogħol tal-pittura reġa' ġie kkummissjonat il-pittur Belti Giuseppe Calleja. Calleja għamel erbgħa biċċiet xogħol ta' pittura fil-kor li kienu, 2 Anġli u l-Profeta David mas-saqaf, u l-Missier Etern fl-arkata (abside). Ta' dawn il-pittur tħallas is-somma ta' 210 skudi.



Esito

1872 Riporto Sc 216 2 6

Pagati al Signor Pittore Giuseppe Calleja - della Valletta per lavoro di quattro figure ad olio di cui tre rappresentanti il Profeta David, e due Angeli nella volta del coro, ed un'altra il Padre Eterno nell'Abside dello stesso coro " 210 " "

(Doc. 45)

Kuntratt ta' xogħol tal-pttura fil-kor tal-knisja tal-Qrendi ma' Giuseppe Calleja



1872

Pagati al Signor Antonio Gauci della Valletta:
Per doratura della volta del coro, dell'Abside compresi gli angeli di pasta dorati d'intorno al Padre Eterno, degli otto pilastri del coro cioè capitelli, cornicione, architrave, basi e zoccoli, e della grande cornice del quadro titolare " 516 " "

Kuntratt ta' xogħol ta' nduratura fil-kor tal-knisja tal-Qrendi ma' Antonio Gauci

F'din l-istess sena, 1872, sar ix-xogħol ukoll tal-induratura fil-kor u fl-arkata (abside), inkluż ukoll xogħol ta' anġli ndurati madwar il-pittura tal-Missier Etern. Saret ukoll l-induratura mal-gwarniċuni u l-kapitelli tal-pilastri tal-istess kor, kif ukoll il-gwarniċ madwar il-kwadru titulari. Dan ix-xogħol ta' induratura sar mis-sur Antonio Gauci mill-Belt u tħallas is-somma ta' 516 'il skud.

